MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 864/2005

**Telemalta Corporation**

**vs**

**Josette Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' kummercjali rikorrenti Maltacom p.l.c. premettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit Nru. 2140/97RCP) giet deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Gunju 1998, u fl-istess kawza l-konvenuta giet ikkundannata thallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta' Lm1,220.11 (elf mitejn u ghoxrin lira u hdax-il centezmu) bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-socjeta rikorrenti issuccediet lill-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk ghandha interess fl-ezekuzzjoni ta' din is-sentenza.

Illi mal-imsemmija somma jridu jizdiedu l-ammont ta' Lm683.26 (sitt mija u tlieta u tmenin lira u sitta u ghoxrin centezmu) imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-4 ta' Gunju 2005, oltre Lm108.83 (mija u tmin liri u tlieta u tmenin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dok 'A'. Ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm2,012.20 (elfejn u tnax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu).

Minn dawn thalset biss is-somma ta' Lm240 (mitejn u erbghin lira) u ghalhekk baqa' bilanc ta' Lm1,772.20 (elf seba' mija u tnejn u sebghin lira u ghoxrin centezmu) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta rikorrenti ghandha interess tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedure Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet
ta' Malta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-intimata notifikata ma prezentatx risposta u lanqas dehret ghar-rikors.

Rat li l-PL Noel Scerri ghas-socjeta` rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li ma thallas xejn fil-mori ta' dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**, b'dan illi tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fl-4 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta' Lm1,772.20 (elf seba' mija u tnejn u sebghin lira u ghoxrin centezmu) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------